**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 298/02 AJD**

**Modern Plastics Containers Ltd.**

**vs**

**TMT Ltd u Anthony Balzan f'ismu proprju**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1437.50), bejgh u konsenja ta' merci konsistenti fi plastic crates.
Bl-ispejjes, u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija cediet l-atti tal-kawza limitatament fil-konfronti ta' Anthony Balzan.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn hija emmettiet it-talbiet attrici kif dedotti kontriha fl-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjezzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfrontita' Anthony Balzan, fuq ammissjoni jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tas-socjeta' konvenuta TMT Limited u jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sebghau tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1437.50) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**